MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Numru 632/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
v

**PAUL CARUANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL CARUANA** ta' tnejn u tletin sena bin Philip u Catherine nee Agius, imwieled H'Attard nhr s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1969 u residenti fil-fond “Sacred Heart”, Triq l-Kbira, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita` numru 00370M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha ta' Novembru 2002 u fil-granet ta' qabel dawk ta’ wara, f’Haz Zebbug u fi bnadi ohra f'dawn

il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; wara li fil-kapacita tieghu ta' direttur tas-socjeta Quality Imports Limited [MFSA Company Reg. No. C 17437] approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, tmienja w sitt elf sitt mija tnejn u sebghin *cases* kontenti *items* tal-marka *Pantene Shampoo* liema kunsinna teccedi l-valur ta' 100,000 Dollari Amerikani u li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-disgha ta' Jannar 2004 [fol 150] sabiex din il-kawza, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2004 [fol 151] jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sittax ta' Marzu 2005 [fol 271]

Ikkunsidrat:

Illi **nhar s-sbatax ta' Novembru 2003 xehed l-Ispettur Bernard Zarb** [fol 10] fejn esibixxa kwerela datata erbgha ta' April 2003 mibghuta lilu minn Dottor Simon Tortell ghan-nom tas-socjeta Quality Imports Limited u ghan-nom tas-socjeta Quadron Establishments li giet mmarkata bhala dokument BZ [fol 12], bill of lading originali voyage number 226/02/DTP/TI li giet mmarkata bhala dokument BZ 1 [fol 25], tally sheet mehuda mill-Ufficjal tad-Dwana li giet mmarkata bhala dokument BZ 2 [fol 27], ricevuta ta' hames files li hu ghadda lil Paul Caruana in konnessjoni

ma ledgers li giet mmarkata bhala dokument BZ 3 [fol 28], stqarrija tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument BZ 4 fol 32], Memorandum of Articles of Association tas-socjeta Quality Products Limited li giet mmarkata bhala dokument BZ 5 [fol 37] u fotokopja ta' file mizmum mid-Dwana li gie mmarkat bhala dokument BZ 6 [fol 84].

Illi **nhar s-sbatax ta' Novembru 2003 xehed Joe Marquett** [fol 38] fejn qal li hu jahdem bhala Customs Senior Assistant d-Dawna. Qal li hu kien gie ordnat mid-detail office sabiex imur jassisti lil imputat u ghalhekk mar Hal Qormi bhala skorta biex igorr d-dokument SB 1339404142 fejn sab fizzjal tieghu, certu Joseph Herrera li qallu li kienu qed jghabbu l-erbgha containers u hu assistihom biex imorru l-Freeport.  Qal li hafna minnhom kienu gia tghabbew pero ma kienux sigillati.  Qal li meta wasal fuq il-post lahaq biss l-ahhar wiehed jitghabba u kien biss shampoo u ghalhekk l-ohrajn ma kienx jaf x'inhuma peress li ma kienux tghabbew fil-presenza tieghu, pero kienu miftuha.  Mistoqsi jghid x'kien d-dokument BZ 2 ix-xhud qal li ma setghax jgharfu.

Illi **nhar s-sbatax ta' Novembru 2003 xehed Joseph Herrera** [fol 40 u 85] fejn qal li jokkupa l-kariga ta' Fizzjal d-Dwana u meta gie muri d-dokument BZ 2 ix-xhud qal li dak ma kienx miktub minnu u ma kienx jaf jghix xejn dwaru.

Illi **nhar s-sbatax ta' Novembru 2003 xehed Galal Ibrahim Housni Bay** [fol 42 u 94] fejn qal li hu ilu jaf lil imputat ghal dawn l-ahhar erbghin sena.  Qal li n-negozju huwa maghruf bhala Quadron Establishment li hu bbazat f'Leichtenstein b'ufficini fl-Isvizzera u l-Italja u sisters Company ………………..fil-Lebanon, fil-Libja u diversi postijiet ohra.  Huwa esibixxa l-Articles of Association ta' Quardon Establishments li gie mmarkat bhala dokument CSH [fol 49] u qal li hu kien awtorizzat mill-kumpanija li jidher ghan-nom tal-istess socjeta.  Huwa esibixxa l-awtorizzazzjoni in kwistjoni li giet mmarkata bhala dokument CSH 1 [fol 55] kif wkoll kopja ta' fax tad-direttur li ffirma l-prokura in kwistjoni li giet mmarkata bhala dokument CSH 2 [fol 56]. Qal li s-socjeta Quadron

Establishment ghandha reputazzjoni tajba u li ilha attiva fil-Libja minn meta saret l-privatizzazzjoni tas-settur privat. Qal li huma agenti esklussivi ghal diversi pajjizi ghal diversi prodotti bhal Nestle, Ferrero u huwa sar jaf lil imputat meta ppresenta ruhu bhala kumpanija stabbli f'Malta b'esperjenza tas-swieq fil-Libja. Qal li hu kien gie Malta w iltaqa ma l-imputat wara li kien issuplih ghal diversi drabi bic-cikkulata u hass li setgha jestendi n-negozju ma l-imputat peress li kellu negozju l-Libja u kienu gew f'arrangament li jiddepositaw l-merkanzija taghhom hawn Malta u b'hekk din tkun accesibbli ghas-suq Libjan sabiex ikunu jistghu jigu u jixtru waqt li huma jhallsu l-ispejjes ghal imhazen. Qal li l-prodotti kienu qed jigu mibghuta Malta that l-isem ta' Quality Imports Limited, u l-imputat minn naha tieghu kien jghaddi rapport kull xahar sabiex ikun jaf l-istock. Huwa kien jahdem billi kull meta kelllu bzonn xi xoghol minn dak mizmum Malta huwa kien jaghti struzzjonijiet bil-miktub lil impuat sabiex jibghatlu l-merkanzija li kien jkollu bzonn.

Gara li fix-xahar t'Awissu 2002, s-servizz bil-vapur twaqqaf u ma kienx ghad hemm aktar bzonn ta' licenzja ghal importazzjoni u naqset ghalhkk ma kienx ghad hekk lok li l-merkanzija tigi mibghuta Malta qabel ma tintbaghat l-Libja.

Fix-xahar ta' Settembru 2002 gie Malta biex jghalaqa l-kontijiet li kellu poendenti hawn Malta, u sab li s-socjeta Quality Imports li taghha l-imputat huwa direttur, kienet lura fil-hlasijiet rigward l-prodott Pantene. Huwa esibixxa fax mibghuta lis-socjeta Quality Imports nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 2002 [dokument CSH 3] li tindika li bhala stock ta' Pantene Malta fl-ammont ta' tmienja w sittin elf u tlett mija. Skond l-istock taking tal-account gewwa l-Libja, huwa ma kienx jaf li Mlta kien ghad fadal prodott Pantene [dokument CSH 4 a fol 58]. Ix-xhud imbaghad spjiega li fil-fehma tieghu kellu jkun hemm aktar Pantene hawn Malta skond d-dokument CSH 4 u cioe suppost kien hawn mija tlieta w erbghin elf erbgha mija u sittin kaxxa.

Sussegwentement l-imputat baghat fax datat tnax ta' Novembru 2002 [dokument CSH 5] li tindika li hu baghat numru ta' kaxxi ta' Pantene fl-ammont ta' wiehed u sebghin elf sebgha mija hamsa w erbgin kaxxa lejn l-Libja. Meta x-xhud staqsa lil imputat ghaliex kien ghamel hekk [vide dokument CSH 6 a fol 61] huwa wiegbu li ma setghax jaghmel kuntatt mieghu pero qal li skond ma qaltlu terza persona li soltu jaghmel negozju max-xhud, dan tah permess li jibghat l-merkanzija. Ix-xhud pero kien innega li ta dan il-permess lil tali persuna u minnufih beda jahseb hazin fih. Ix-xhud spjiega li t-transazzjoni in kwistjoni kellha valur ta' aktar minn nofs miljun dollaru.

Galal Ibrahim Housni Bay kompla jispjiega li fl-ghoxrin ta' Dicembru 2002 hu baghat fax lil imputat u gharrfu li s-socjeta fejn baghat l-Pantene gewwa l-Libja, kienet giet likwidata f'Settembru 2002 u qallu wkoll li l-prodott kien qed jinbiegh fis-suq lokali u ghalhekk ried jithallas. Huwa ppresenta fax ohra li rcieva nhar t-tnax ta' Jannar 2003 fejn kien miktub li l-imputat qallu li t-transazzjoni saret skond l-istruzzjonijiet tieghu mioghtija verbalment. Huwa nnega li kien ta tali struzzjonijiet w in oltre, fil-fatt lanqas biss kien jaf lil din s-socjeta. Qal li l-merkanzija kienet ghand l-imputat pero tappartjeni lilu. Qal li huma dejjem struzzjonijiet bil-miktub kienu jaghtu lil imputat u fil-fatt esibixxa d-dokumenti CSH 9 sa CSH 13 f'dan r-rigward. Qal li l-imputat kien jaf minn kienu l-kumpaniji li ghalihom kellu l-merkanzija. Qal li tul l-perjodu ta' sitt xhur mill-erbatax ta' Mejju 2003 l-avukat tieghu kien ircieva korrispondenza minghand l-imputat, liema korrispondenza huwa esibixxa bhala dokument CSH 14 sa CSH 17 [fol 71 sa 75]. Ix-xhud zied jghid li hu sar jaf li din il-merkanzija giet mibghuta bil-bahar lil kumpanija ohra permezz ta' terza kumpanija li qatt ma hallset minkejja dak li jghid l-imputat fl-ittri taghhom. Qal li sussegwentement sar jaf li li l-merkanzija li baghat l-imputat kienet lil kumpanija li f'kienet partnership mal-imputat u li ghandha supermarket fil-Libja. Huwa cahad dak li kien qed jigi allegat mid-Difiza li hu ta xi struzzjonijiet lil imputat permezz tat-telefon cellulari u li qatt ma ta struzzjonijiet jekk mhux bil-miktub lil imputat u li kkomunika verbalment mal-imputat biss fuq jekk irceviex hlasijiet jew le minghand l-klijenti. Qal li qatt

ma ta struzzjonijiet verbali fuq trasferiment ta' merkanzija bil-bahar. Qal li kien zgur li meta gie Malta fil-hamsa ta' Settembru 2002 kien diga tkellem mal-imputat dwar li kien ser jaghlaq il-kontijiet li kellu Malta u fil-fatt kellhom argument dwar xi spejjes. Qal li l-imputat kellu oggetti li jeccedu l-miljuni tal-liri. Qal li qatt ma kellu xi dejn mal-imputat. Qal li peress li l-imputat kien jbiegh l-merkanzija taghhom, huma dejjem kienu jafu li l-imputat kellu flus zejda fis-sens li kien jigbor flus aktar minn kemm kellu jiehu.

**Meta rega' xehed nhar l-erbgha ta' Dicembru 2003 x-xhud** esibixxa l-original tad-dokumenti CSH 4 li gie mmarkat bhala dokument CSH 4a [fol 97], l-original tad-dokumenti CSH 6 li gie mmarkat bhala dokument CSH 6a [fol 107], l-original tad-dokumenti CSH 7 li gie mmarkat bhala dokument CSH 7a [fol 109], l-original tad-dokumenti CSH 9 li gie mmarkat bhala dokument CSH 9a [fol 112], l-original tad-dokumenti CSH 10 li gie mmarkat bhala dokument CSH 10a u 10b [fol 114 u 115], l-original tad-dokumenti CSH 11 li gie mmarkat bhala dokument CSH 11a u 11b [fol 116 u 117], l-original tad-dokumenti CSH 12 li gie mmarkat bhala dokument CSH 12a u 12b [fol 118 u 119], l-original tad-dokumenti CSH 13 li gie mmarkat bhala dokument CSH 13a [fol 120 u 121], u d-dokumenti ST a sa ST 10 [fol 124 sa 143] li juru l-mod metakoluz li bih gew moghtija dawn l-istruzzjonijiet.

Illi **nhar l-erbgha ta' Dicembru 2003 xehed PC 515 Matthew Parnis** [fol 88] fejn qal li nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju, fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-Ispettur Bernard Zarb, huwa mar l-ufficni tad-Dwana f'Pinto Wharf sabiex igib l-informazzjoni kollha dwar il-vapur li telaq lejn Cipru bl-isem Vento di Polente. Qal li meta mar hemmhekk, tad-Dwana kienu qalulu li l-bill of lading li kellhom ma kienetx cara u ghalhekk kellhom jmorru ghand H. Mifsud & Sons fil-Floriana sabiex jakkwistaw kopja ta' dan il-bill of lading bin-numru 9/02/MAL/TRI. Ix-xhud gie muri d-dokument C, u huwa qal li hu kopja tal-bill of lading li ghamel referenza ghalih, u li l-original tieghu huwa mmarkat bhala dokument BZ 1 [fol25]. Qal li meta regghu marru lura l-ufficju tad-dwana dawn qalulhom li skond dak l-bill of lading, kienu telqu minn Malta erbgha containers

shampoo lejn Tripoli indirizzati lil Tilar Almusama. Qal li l-Ufficjali tad-Dwana kienu ghaddewlhom xi dokumenti li fil-fehma tieghu, fl-istess gurnata tal-erbgha ta' Novembru 2002, kienu hargu tmienja w sittin elf sitt mija tnejn u sebghin cases ta' shampoo imsemmi mill-bonded stores tal-Quality Import.

Qal li dakinhar tad-disgha w ghoxrin ta' Mejju 2003, ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar hu flimkien mal-Ispettur Bernard Zarb u PC 1226 Joseph Cutajar marru l-ufficju tas-socjeta Quality Imports fejn sabu lil imputat li gharaf presenti fl-awla, u spjiegawlu dak li kienu qed jinvestigaw u filwaqt li akkumpanjawx d-Depot huma hadu maghhom zewg black lever arch files mill-istess ufficini tal-Quality Imports. Qal li l-ghada, tletin ta' Mejju 2003, huma kienu regghu marru l-istess ufficini tal-Quality Imports minn fejn elevaw erbgha arch lever files ohra. Huwa kkonferma li d-dokument BZ 3 [fol 28] huma r-ricevuti li huma taw lil imputat ghar-rigward l-files li gew elevati minnhom.

Illi **nhar l-erbgha ta' Dicembru 2003 xehed PC 1226 Joseph Cutajar** [fol 91] fejn qal li nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju 2003 huwa kien presenti waqt li l-Ispettur Bernard Zarb ha l-istqarrija tal-imputat li gharaf presenti fl-awla, li tinsab immarkata bhala dokument BZ 4 [fol 32]. Ix-xhud gharaf fuq din l-istqarrija l-firma tieghu, tal-Ispettur Bernard Zarb kif wkoll tal-imputat fuq kull faccata. Qal li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija l-imputat gie moghti s-solita twissija. Qal li dakinhar tad-disgha w ghoxrin ta' Mejju 2003 hu kien mar Pinto Wharf fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Bernard Zarb flimkien ma PC 515 Matthew Paris, biex jinghataw kopja tal-bill of lading dokumrnt BZ 1. Qal li qabel ma gew moghtija dik, huma kienu gew moghtija kopja taghha mid-dwana [dokument B]. Qal li mid-dokument B huma ma setghux jiehdu ebda informazzjoni u ghalhekk kellhom jmorru l-Floriana ghand H. Mifsud & Sons minn fejn gabu l-original tieghu. Huwa qal li minn dik l-informazzjoni saru jafu li kienu telqu minn Malta erbgha containers mimlija shampoo Pantene lil certu Tilar Almusama fuq vapour bl-isem Vento di Polente. Qal li tad-dwana wkoll ghaddewlu dokument li juri li nhar l-

erbgha ta' Novembru 2002, kienu hargu tmienja w sittin elf sitt mija tnejn u sebghin cases ta' shampoo imsemmi mill-bonds tal-Quality Import. Ikkonferma li dakinhar hu, flimkien ma PC 515 Matthew Paris kienu marru mal-Ispettur Bernard Zarb fl-ufficju tal-Quality Imports, fejn sabu lil imputat, minn fejn gabru zewg black lever arch files mill-istess ufficini tal-Quality Imports. Qal li l-ghada, tletin ta' Mejju 2003, huma kienu regghu marru l-istess ufficini tal-Quality Imports minn fejn elevaw erbgha arch lever files ohra u kienu tawhom ricevuta. Qal li waqt l-istatement li rrilaxxja l-imputat issemma certu Elvin Joseph Farrugia li hu l-persuna li jiehu hsieb d-dokumentazzjoni tas-socjeta Quality Imports fid-Dwana. Qal li l-ghada dan Elvin Joseph Farrugia kien mar d-Depot u ha mieghu l-file li huma zammew u li tawh ricevuta ta' dan il-file. Mistoqsi jekk l-Ispettur tkellimx ma Elvin Joseph Farrugia, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li tkellmu fuq l-erbgha containers li kienu telqu minn Malta u mill-file li kien gab mieghu Elvin Joseph Farrugia, dan kien hareg kopja ta' invoice li bihom kien hareg x-xoghol minn Malta. Qal li l-ammonti li kien hemm fuq l-karti kienu jaqblu ma dawk li giew indikati lihom.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2004 xehed Hubert Mifsud** [fol 152] fejn qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Managing Director ma H. Mifsud & Sons Shipping Agency. Meta gie muri d-dokument BZ 1 [fol 35] li hu l-bill of lading ix-xhud qal li s-socjeta baghtet erbgha containers barra minn Malta fl-ghaxra ta' Novembru 2002 lejn Tripoli liema kontenut taghhom kien allegat hair shampoo. Qal li skond l-manifest dawn kienu jizmu 15,700 kilos kull wiehed. Qal li l-vapur in kwistjoni kien Vento di Polente voyage 226/02. Qal li l-carrier ta' Malta kien Quality Import Limited filwaqt li l-persuna li kienet ser tircievi din il-merca huwa Tilah Al Musama. Qal li huma thallsu ghas-servizzi mis-socjeta Quality Imports f'dan il-kaz. Qal li sa dakinhar ma jidhirx li kien hemm xi kontijiet pendenti. Huwa esibixxa l-manifest tal-vapur in kwistjoni li gie mmarkat bhala dokument HM [fol 154].

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2004 xehed Hassan Zaitam** [fol 155] fejn qal li huwa l-assistant general

manager u ko-ordinatur tal-kumpanija Housni Bay. Qal li ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar hames snin. Mistoqsi jekk jafx lil imputat presenti fl-awla, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li hu kien jzomm kuntatt mal-imputat fuq kwistjonijiet ta' negozju. Qal li s-Sur Galal Ibrahim Housni Bay kien sab li Malta setghet tkun pajjiz fejn tinzamm merkanzija ghal Libja. Qal li Housni Bay kien sar jaf lil imputat u li kienu gew f'arrangament li l-imputat jistorja l-merca tieghu hawn Malta u wara jibghata l-Libja. Qal li generalment Housni Bay kien jaghtu struzzjonijiet lil imputat permezz ta' faxes. Qal li l-merkanzija ghal Libja kienu marbutin b'certi kundizzjonijiet u li wiehed kellu jkollu min jikkonsenja u ricevitur. Mistoqsi jekk qattx semgha bil-kumpanija Altilata Musama, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li l-imputat generalment kien jaghtihom stock taking tal-prodotti li kellu f'Malta permezz ta' fax, pero recentement l-ammont ta' prodotti ta' Pantene li kien hawn Malta ma kienx jaqbel mal-ammont li kellhom registrat fil-Lebanon. Qal li kien hemm diskrepanza ta' sebgin elf cases ta' Pantene. Qal li ghalhekk kien cempel lil imputat biex jistaqsih ghal spjiegazzjoni ghal dik d-deskrepanza u l-imputat kien qallu li hu kien baghat dak l-prodott l-Libja permezz tal-isem tal-konsenjatur li semma qabel li ma kienx jaf minn hu u li qatt ma kien sema' bih. Ix-xhud kompla jghid li hu kien staqsa lil imputat min kien tah dawk l-istruzzjonijiet, peress li huma ma kienux qalulu hekk, u l-imputat kien baghatilhom kopja tal-bill of lading u kien kiteb fuqha l-isem tal-kumpanija Altilala Musama. Qal li hu qatt ma kien semgha b'din il-kumpanija f'ghomru. Qal li kull case kienet tiswa tmien dollari u kien hemm wiehed u sebghin elf minn dawn il-cases. Meta gie muri d-dokument CSH 6a [fol 107] u in partikolari l-firma fuq dan d-dokument, ix-xhud kkonferma li dik il-firma kienet tieghu. Qal li dik il-fax kien baghtha hu lill-imputat wara li kien kellmu permezz tat-telefon fejn l-imputat kien infurmah li kien baghat l-istock l-Libja, liema stock kien mibghut mill-imputat minghajr l-istruzzjonijiet tax-xhud. Ix-xhud kompla jghid li huma kienu taw struzzjonijiet lil imputat sabiex jaghmel kuntatt man-nies li maghhom kien baghat dik il-konsenja sabiex dawn minn naha taghhom jibghatuha lin-nies tax-xhud fil-Libja pero qatt ma kellhom risposta ghal dan.

Meta gie muri d-dokument CSH 12a, [fol l18]. d-dokument CSH 13a [fol 120], d-dokumenti ST 1 [fol 122], d-dokumenti ST 5 [fol 131], ST 6 [fol 133], ST 7 [fol 135], ST 8 [fol 137, ST 9 [fol 140] u d-dokument ST 10 [fol 142] ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq kull dokument.
Huwa kkonferma li l-imputat u Galal Ibrahim Housni Bay kienu jitkellmu permezz tat-telefon, pero ma setghax jikkonferma fuq x'hiex kienu jkunu jitkellmu. Qal li Galal Ibrahim Housni Bay kien l-imghallem tieghu. Qal li dan ghandu dar Beirut pero qatt ma jkun hemmhekk peress li jivvjagga ta' spiss. Qal li generalment n-negozju jkun konkluz bejniethom ghalkemm l-konferma dejjem johduha minghand Galal Ibrahim Housni Bay. Qal li sewwa kienet qed tghid d-difiza li l-ahhar kelma kienet dejjem tkun ta' Galal Ibrahim Housni Bay dwar negozju.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2004 rega' xehed Galal Ibrahim Housni Bay** [fol 158] fejn ikkonferma li l-firma fuq d-dokument CSH 7a a fol 109 tal-atti kienet tieghu. Ix-xhud, meta rega' xehed nhar t-tnejn ta' Frar 2005 [fol 201] <u>qal li l-pretenzjoni tieghu kontra l-imputat giet issetiljata minn terzi persuni fil-Libja u li hu ma kellu ebda pretenzjoni ohra pendenti kontra l-imputat. Qal li fil-fehma tieghu l-imputat kien gie 'mislead' u li l-imputat kien agixxa in bona fede</u>.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2004 xehed Masam Hilal** [fol 159] fejn qal li hu l-accountant tal-kumpanija li ghandu Jalal Housni Bay u li hu jahdem fil-branka li ghandhom Beirut fil-Lebanon. Qal li hu ilu mpjegat ma Jalal Housni Bay mis-sena 1999. Mistoqsi jekk jafx fuq in-negozju li ghandu Jalal Housni Bay hawn Malta x-xhud wiegeb li jaf u dan peress li hu l-persuna li jiehu hsieb dan ix-xoghol. Qal li hu kien staqsa lil imputat biex jibghatlu statements of accounts pero hu minn naha tieghu qatt ma rcevihom dawn. Qal li jekk l-imputat irid, hawn Malta jista jiltaqa mieghu u jiffinalizzaw l-kwistjoni. Muri d-dokument CSH 4a [fol 97] u d-dokument 10a [fol 114], ix-xhud qal li jaghraf l-firma tieghu fuq t-tnejn.

**Meta rega' xehed nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2004 [fol 163] ix-xhud** qal ma kienx f'posizzjoni jghid kemm

ghandu jaghtihom l-imputat. Qal li hu korrett dak li qed tissuggerixxi d-Difiza li hu kien johrog l-invoices. Ix-xhud kompla jghid li ghal bidu, meta hu kien johrog l-invoice lil imputat, dan kien jhallas mil-ewwel. Qal li kien anke jistaqsi lil imputat ghal prova ta' spejjes sabiex jigi rimborzat, u hu appuntu ghalhekk li ma kienx f'posizzjoni jaghti l-ammont preciz ta' kemm kellu jaghtihom, ghaliex ma kienx jaf l-ammont ta' spejjes ghal kiri tal-imhazen li kellu jghaddi lil imputat. Qal li ghal dik r-raguni hu ma setghax jaghlaq l-kotba mieghu. Qal li l-kumpanija tieghu kellha xi dejn mal-imputat pero l-ammont li kellhom jaghtuh kien inqas minn dak dovut lilhom minghandu. Qal li Galal Ibrahim Housni Bay ma kienx jinfurmah b'kull transazzjoni li jaghmel ma Quality Imports. Qal li hu kien biss fuq stock ta' Ferrero u Pantene. Qal li hu ma kienx intiz b'kull negozju li Galal Ibrahim Housni Bay kien jaghmel mal-imputat. Qal li hemm negozju li kien konkluz mal-imputat li ma kienx imdahhal fl-accounts taghhom u dan ghaliex jekk l-imputat jibghat direttament l-merca lil kumpanija fi Tripli, hu kien jehodha bhala pagament. Qal li hu dejjem ircieva hlasijiet minghand Quality Imports, mhux permezz ta' terza persona. Qal li qatt ma semgha bil-kumpanija Altilala Musama u li xogholu kien biss fuq Quality Imports.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2004 xehdet Rebecca Hebeitni** [fol 161] fejn qalet li hija s-segretarja tal-kumpanija ta' Jalal Housni Bay. Meta giet murija d-dokumenti CSH 9a [fol 112], CSH 11a [fol, 116], ST 2 [fol 124], ST 3 [fol 126] u ST 4 [fol 129, x-xhud kkonfermat li l-firma fuq kull wiehed minn dawn d-dokumenti hija taghha.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2004 xehed Elvin Joseph Farrugia** [fol 173] fejn qal li jahdem ma International Food Supplies billi jimpurtaw ikel minnbarra. Mistoqsi jaghmilx xi xoghol ghal rasu part time, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li hu igib x-xoghol minn barra ghal Quality Imports. Qal li l-importazzjoni tirrigwarda ikel u qal li gieli nizel d-dwana u jghaddi l-karti ghal din s-socjeta wkoll. Meta gie muri l-file li jittratta fuq dokumentazzjoni tad-dwana li jinsab esibit fil-Qorti, x-xhud qal li dak l-file s-soltu jkun mizmum minnu u li fih hu

jzomm l-karti kollha tad-dwana, kemm dawk li huma tieghu personali kif wkoll dawk tal-klijenti tieghu. Mistoqsi dwar x'records ghandu rigwardanti konsenja ta' shampoo Pantene, x-xhud wiegeb li kellu dokumentazzjoni kemm dwar dawk li dahlu Malta kif wkoll dawk li johorgu minn Malta. Qal li dawk l-goods kienu bonded fil-bonds tal-istores tad-dwana. Ix-xhud esibixxa d-dokument XY li gie redatt minnu u fuq dan d-dokument hemm indikat d-dhul ta' shampoo. Qal li bhal dan d-dokument hemm wiehed d-dwana. Qal li skond dak d-dokument dahlu sitta w sebghin elf hames mija u hdax il-case u dan jirrappresenta sebgha konsenji li saru f'dati differenti, liema konsenji gew impurtati minn Quality Imports. Qal li l-invoices li jkollu hu, huma fuq il-kumpanija Quality Imports. Qal li mill-istock ta' sitta w sebghin elf hames mija u hdax il-case li kien hawn Malta, saret konsenja, esportazzjoni ta' tlett elef tlett mija u sittin. Qal li sussegwentement mis- sitta w sebghin elf hames mija u hdax il-case saret konsenja fis-sens li gew ixxipjati go parti ta' 20 foot container tlett elef tlett mija u sittin case skond bill number 934 datat hamsa ta' Ottubru 2001. Qal li ghalhekk jfisser li kien hemm bilanc ta' tlieta w sebghin elf mija wiehed u hamsin. Sussegwentement dahlet konsenja ohra Malta minn shed numru tlieta fis-sebgha ta' Marzu 2002 fl-ammont ta' hamest elef tmin mija wiehed u sebghin carton, sussegwentement saru sebgha konsenji barra minn Malta ta'Pantene f'ammonti differenti u sussegwentement ma kienx baqa bilanc ta' Pantene shampoo hawn Malta. Huwa esibixxa l-erbgha shipping bills li huma markati fid-dokument XY u cioe n-numri 1339, 1340, 1341 u 1342 li gew mmarkati mill-Qorti bhala dokumenti XY2, 3, 4 u 5 rispettivament. Huwa kkonferma li mill-kalkoli li ghamel hu wara li saret il-konsenja kif indikat fid-dokument XY 5 ma kienx baqa shampoo Pantene hawn Malta fil-bonded stores.

Mistoqsi jekk hu jghaddix kopja tad-dokumentazzjoni li ghadda lil Qorti b'mod partikolari d-dokument XY, x-xhud wiegeb li jzomm u dan ghal kwistjonijiet tad-dwana pero qal li kien jaf li l-imputat jkollu u jaf wkoll x'bilanc ikun fadallu u dan mil-kalkoli li hu jaghmel. Mistoqsi jekk jafx lil Jalal Housni Bay ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u stqarr li

jafu bhala klijent ta' l-imputat peress li kienu jaghmlu xi xoghol bejniethom. Mistoqsi jekk kienx hemm xi disgwid bejniethom ix-xhud qal li ma kienx jaf. Mistoqsi jekk rax il-bill of lading tal-ahhar konsenja ix-xhud qal li ma kienx raha peress li ma jkollux x'jaqsam ma bills of lading. Qal li l-imputat lilu jaghtih l-invoice bl-istruzzjonijiet li ghandu jaghmel u hu [ix-xhud] jimla l-karti dokumentazzjoni tad-dwana u sussegwentement jghaddi d-dwana biex jghaddihom. Qal li d-dokumenti li esibixxa jigu mimlija u ppreparati minnu, pero l-invoice tigi moghtija lilu mill-klijent. Qal li ma setghax jghid min ikun ippreparaha.

In kontro ezami x-xhud, meta gie mistoqsi jekk hux impjegat ta' l-imputat, qal li ma kienx, pero ghamel xi xoghol ghalih. Qal li gieli nizel tlett darbiet fil-gimgha d-dwana ghal imputat u gieli jaghmel siegha u gieli saghtejn. Qal li lil Galal Ibrahim Housni Bay gieli kellmu permezz tat-telefon pero qatt ma hadlu xi risposta biex jghaddiha lil imputat. Qal li lil Galal Ibrahim Housni Bay gieli kellmu fuq il-mobile u li qatt ma kellmu meta kien fl-ufficju tal-imputat. Ix-xhud kompla jghid li mal-imputat jahdmu hafna nies. Qal li jekk mhux sejjer zball Galal Ibrahim Housni Bay cempillu xi darbtejn fejn talbu jfittex lil imputat pero hu ma kienx sabu. Qal li ma jafx jekk wara dan, l-imputat kien tkellem ma Jalal Housni Bay. Qal li jekk mhux sejjer zball dawn iz-zewg telefonati kienu saru ghal habta ta' Dicembru 2003. Mistoqsi kif jghaddi l-karti ghal esportazzjoni meta l-kumpanija fejn jahdem hu ma tghamilx esportazzjoni, ix-xhud wiegeb li meta jinzel d-dwana hu jimla u jghaddi l-karti kemm tal-importazzjoni taghhom kif wkoll ta' esportazzjoni ohra. Ix-xhud kompla jghid li hu lil imputat l-karti jghaddihomlu gratis.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2004 xehed l-imputat** [fol 204] fejn qal li hu kien gie ntrodtt ma Jalal Housni Bay ghal habta tas-sena 1997 meta kien imur fuq xoghol l-Libja, permezz ta' persuna bl-isem Riyad, u dak iz-zmien dawn t-tnejn minn nies kellhom xi xoghol flimkien. Qal li x-xoghol kien jinxtara minn swieq diversi u jintbaghat l-Libja. Qal li fil-fatt dak iz-zmien xi 70% tal-branded goods li kienu jmorru l-Libja kienu jghaddu minn Malta. Qal li xi zmien ilu Galal Ibrahim Housni Bay kellu xi

negozju bhal Ferrero Rocher, u dan kien jigi Malta, jigi sdogat, w imbaghad huma kienu jergghu jibghatuhulu lura. Qal li kien jittargettja lin-nies Libjani li kienu jigu Malta biex jixtru biex b'hekk ikun jista igib l-agenzjija. Qal li kien hemm xi oggetti ohra bhal shampoo.

Qal li hu gej minn familja ta' negozju, kien jkollhom hafna groceries, dried foods, u artijiet. Qal li wahda mill-kumpaniji tieghu biss iddawwar 4.5 miljun turnover fis-sena. Qal li dan kollu jirrizulta mill-audit accounts tal-kumpanija tas-socjeta Quality Imports Limited. Huwa esibixxa d-dokument QIY [fol 208] fejn a fol sebgha ta' dan l-istess dokument jirrizulta dan t-turnover. Qal li lil Jalal Housni Bay kien baghtlu diversi containers. Ix-xhud esibixxa kopja tal-operat li gie mmarkat bhala dokument Q19 fejn qal li fejn hemm underlined, huma s-shipments li hu baght lil Galal Ibrahim Housni Bay u lil persuni ohra istruwiti minnu. Qal li l-valur ta' dawk l-containers kien jeccedi l-hames miljun maltin u li dan n-negozju isir ma Jalal Housni Bay fuq fiducja biss. Qal li kien hemm drabi meta Jalal Housni Bay kien icempillu u jghidlu biex jibghatlu l-containers. Mistoqsi jekk Galal Ibrahim Housni Bay kienx jaghtih struzzjonijiet biex jaghmel consignment lil persuni ohra u mhux lilu, x-xhud wiegeb li kien hemm drabi meta nghata dawn l-istruzzjonijiet. Qal li hu mar l-Libja xi mitejn darba u kemm il-darba mar ghandu. Qal li Riyad kien jahdem ghal Galal Ibrahim Housni Bay u kien jehodlu hsieb dogana ta' merkaznija fix-xatt, trasferimenti ta' flus barra l-pajjiz, u jsiblu klijenti godda, kif fil-fatt kien sab lilu. Qal li Riyad u Galal Ibrahim Housni Bay kellhom relazzjoni tajba bejniethom tant li meta hu kien ircieva struzzjonijiet minghandu sabiex jibghat dan l-container lil haddiehor, ix-xhud qal li ma ra xejn mhux normali u kien ghalhekk li kien obda dawn l-istruzzjonijiet. Qal li ma kienx jaf li kien hemm xi nkwiet bejn dawn t-tnejn. Qal li l-istruzzjonijiet kienu dejjem ikunu bil-fomm. Ix-xhud esibixxa l-korrispondenza ta' bejniethom li giet mmarkata bhala dokument Q15. Qal li l-konsenja in kwistjoni kienet merkanzija normali milli jibghatu s-soltu. Qal li bhala kont kien baghat xi tlett mitt elf kaxxa ohra u ghalhekk kien baghat dak l-container. Qal li l-istruzzjonijiet li kien inghata kienu tas-soltu. Qal li

sussegwentement kien ircieva telefonta minghand xi mpjegat ta' Galal Ibrahim Housni Bay fejn infurmah li l-istock li hu suppost kellu ta' Galal Ibrahim Housni Bay kien jammonta ghal mija w erbghin kaxxa. Qal li dak z-zmien lanqas kien jaf ezattament xi stock kellu tieghu u li kien hu li avza l-ufficju x'kellu u ma kellux. Qal li l-avviz kien dejjem ikun fil-hin u ghalhekk meta staqsih kemm kellu stock tieghu hu haseb li kienet cajta. Qal li kien baqa b'halqu miftuh ghaliex meta kien cempillu Galal Ibrahim Housni Bay u staqsih ghaliex kien baghat l-merkanzija, ma kienx jaf x'ser jwiegebu u kien qallu li kien baghtlu l-merkanzija fuq struzzjonijiet li kien tah hu. Qal li Galal Ibrahim Housni Bay kien qallu li hu ma kienx tah dawk l-istruzzjonijiet. Qal li hu kellu t-title of goods ghaliex x-xoghol kien ghandu. Qal li hu xorta ammetta li x-xoghol kien tieghu meta baghat ghalih l-Ispettur. Qal li hu sar jaf li kien hemm xi arrangament bejn Galal Ibrahim Housni Bay u Riyad u fehem li kien hemm hafna nies involuti minn naha l-ohra Libjana li kellhom arangement bejniethom. Qal li Galal Ibrahim Housni Bay fil-fatt thallas tal-konsenja in kwistjoni minghand terza persuna. Qal li kien jaf li kien hemm diversi kwistjonijiet li kellhom jitrangaw minn naha Libjana.

Il-Qorti dahlet fit-tul fix-xhieda mismugha sabeix tassigura ruhha jekk l-Prosekuzzjoni, kif ghandha kull dmir li taghmel, irnexxiliex tipprova l-element tar-reat t'appropriazzujoni indebita kif aggravat bl-artikolu 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe kommess bis-servizz tal-imputat.

Il-Qorti hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk l-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandhomx jhallu ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. Fil-fatt, kif gie enuncjat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' April 1992*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Austin Joseph Psaila**:

*"Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-akkuzat jigi dikjarat hati, l-akkuza dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe oltre kull dubbju dettat mir-raguni."*

Il-Qorti tirrileva kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlettax ta' April 2000*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Francis Gauci** li:

*"Fil-kamp penali l-oneru tal-prova jinkombi unikament w interament fuq il-Prosekuzzjoni li jinhtieg li tipprova l-akkuzi minnha dedotti fil-konfront tal-imputat lil hinn minn kulll dubbju dettat mir-raguni.  Minn hawnhekk isegwi allura li jekk l-imputat javvanza ipotezi li fic-cirkostanzi tkun vero simili w attendibbli, allura l-Qorti, in omagg ghal principju kriminali fil-kamp penali in dubio pro reo, ghandha taghtiha affidament u tillibera lil imputat mir-responsabbilita kriminali."*

Ir-reat in dezamina huwa dak t'appropriazzjoni indebita.

**Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano*** UTET - 1922 - Vol IV - para 1951 - pg 105 jghid:

*"Costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo.  Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'iondebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volonterieta' della conversione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non cemmette reato per difetto di elemento intenzionale.  Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera' in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale.  Rettamente pertanto fuq giudicato non*

*commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragionfattasi, per mancanza di violenza] il crdditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli garanzia del devutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole."*

Il-Prosekuzzjoni hija tal-fehma li l-akkuza giet ppruvata nonostante li l-kwereant irrinunzja ghal azzjoni w iddikjara li huwa thallas ghal pretenzjoni tieghu minghand terzi, filwaqt li d-Difiza ddikjarat li l-akkuza ma gietx ppruvata principalment minhabba l-fatt li l-imputat qatt ma kellu x-xjenza jew l-volonta li japproprija ruhu billi jdawwar ghalih bi profitt jew ghal persuna ohra mill-merkanzija li kien qed izomm ghan-nom tas-socjeta Quardon Establishment. Fil-fehma tad-Difiza, l-imputat la kellu x-xjenza li qed jaghmel xi haga llegali meta ttrasferixxa erbgha containers shampoo lejn il-Libja w inqas voluntarjament ikkonverta ossia dawwar il-merkanzija bl-iskop li jaghmel profitt minn dik l-konversjoni.

Id-Difiza sostniet li l-kaz inqala minhabba misunderstanding u zgur li ma kellux jispicca quddiem Qorti Kriminali izda semmai, quddiem Qorti Civili.

Id-Difiza ippruvat a bazi tal-probabilita is-segwenti:

a. Illi l-imputat w s-socjeta Quadron Establishment ilhom jinnegozjaw flimkien ghal zmien twil fuq bazi ta' fiducja u mhux a bazi ta' xi kuntratt miktub;
b. Illi in effetti kienu jsiru transazzjonijiet ta' spiss bejniethom u qatt ma kien hemm xi problema qabel din;
c. Illi t-tip ta' transazzjoni li saret kien wiehed komuni fis-sens li fil-passat hafna transazzjonijiet ta' dan t-tip lehqu saru, fis-sens ta' negozju permezz tat-telefon;
d. Illi l-imputat ma kellux interess jiehu xi haga minn dan in-negozju salv li jibghat l-merkanzija [li

kien qed izomm ghan-nom tas-socjeta Quadron Establishment] lejn il-Libja skond l-istruzzjonijiet li hu kien ircieva. [Hu hawnhekk biss li l-Prosekuzzjoni ma taqbilx ghaliex fil-fehma taghha l-imputat m'inghata ebda direttiva sabiex jehles mill-merkanzija li kellu.]

e. Illi pero jirrizulta mill-atti li s-socjeta Quadron Establishment irceviet hlas ta' din t-transazzjoni mhux minghand l-imputat kif kien qed jippretendi originarjament , izda minghand terzi u fil-fatt seduta stante iddikjara li ma kellux pretenzjoni kontra l-imputat peress li kien thallas minghand terza persona.

f. Illi l-imputat minn dejjem stqarr fejn kien ikkonsenja l-merkanzija. Spjiega l-modus operandi tal-konsenja effettiva u minn kien r-ricevitur taghha u dan sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni. L-imputat ma heba xejn mas-socjeta kwerelanti, anzi ikkopera maghha.

Il-versjoni tal-fatti kif spjiegati mill-imputat u cioe li huwa rcieva struzzjonijiet verbali minghand certu Riyad sabiex jaghmel l-konsenja relattiva ghan-nom ta' Galal Ibrahim Housni Bay fic-cirkostanzi attwali tidher li hija veru ghaliex effettivament Galal Ibrahim Housni Bay thallas minghand terza persona u mhux minghand l-imputat, w in oltre, Galal Ibrahim Housni Bay qatt ma cahad li kellu relazzjoi ta'xoghol ma dan Riyad.

Gie ppruvat wkoll li l-imputat hu negozjant kbir u l-kummerc tieghu jiggira *turn over* ta' miljun lira fis-sena u ghalhekk huwa mprobabbli li f'dawn ic-cirkostanzi li kien ser jaghmel transazzjoni ta' dan t-tip ghaliex kien jinqabad zgur.

Illi l-Qorti hija propensa temmen dak li qal l-imputat mill-bidu nett tal-kaz u cioe li huwa agixxa in buona fede bhala kummercjant u baghat l-merkanzija li huwa kellu storjata fil-mahzen tieghu fuq l-istruzzjonijiet li kien ircieva u mhux sabiex jaghmel profitt minn fuq dar il-kwerelant. Fil-fehema tal-Qorti, f'dan il-kaz jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat u cioe d-"dolo" rikjest mill-ligi.

Ghalhekk **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 293, 294, 310(1)(a), 31, 20,

23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi billi tiddikjara li ma ssibx lil imputat PAUL CARUANA hati tal-akkuzi kif addebitati lilu u tilliberah minnhom.**

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas xi spejjez ta' periti, il-Qorti tirrileva li ma kien hemm ebda nomina ta' dan t-tip f'dawn il-proceduri u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------